IL-BIRGU
Citta' Vittoriosa

# MINUTI

*It-Tmien Leġislatura*

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu
## Numru 30

Il-Kunsill Lokali Birgu ltaqa' għal din il-laqgħa fis-sitta neqsin kwart ta' filgħaxija (5:45pm) nhar **l-Erbgħa 3 ta' Marzu 2021**.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Christopher Cassar – Vici-Sindku
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier
Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier

**SKUŻAT:**

Is-Sur Trevor Mizzi – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Christian Lawrence Raggio Vella – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal it-talba u ppresedja l-laqgħa.

Is-Sindku talab biex fil-bidu tal-laqgħa, ikun preżenti Dr David Bonello, Avukat tal-Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex jagħti tagħrif u jirranġa skont il-ħtieġa, il-kuntratt li s-Soċjetà Mużikali San Lawrenz għandha mal-Kunsill Lokali tal-Birgu, dwar parti mill-garaxx f'Tal-Ħawli. Din it-talba ġiet sekondata mill-Kunsillier Anton Gellel u approvata mill-kunsilliera preżenti. Din id-diskussjoni se tkun qed issir wara li ftit jiem qabel saret laqgħa mal-istess membri tas-soċjetà sabiex jiġu diskussi xi punti li hemm fil-kuntratt li huma bħala soċjetà xtaqu jirranġaw u li forsi l-kunsill kien jaqbel jew ma jaqbilx magħhom.

Bl-approvazzjoni tas-Sindku u l-kunsilliera preżenti ġew approvati dawn it-tibdiliet fil-kuntratt;

- Punt Numru 2 – il-kuntratt jibqa' jiġġedded kull tlett (3) snin. Għandha tidħol klawżola li dan il-kuntratt jaqa' f'każ li jkun hemm bżonn tal-garaxx jew parti minnu, waqt il-kostruzzjoni tad-Dar tal-Anzjani (dan jiddependi jekk din id-dar tinbeniex jew le),
- Punt Numru 3 – titneħħa l-klawżola taż-żieda fil-kera skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u l-kera tibqa' l-istess għall-perjodu tal-kuntratt,
- Punt Numru 5 – minn xahar titla' għal tlett (3) xhur sabiex l-inkwiln javża lill-kunsill hux se jġedded il-kuntratt. Titneħħa l-klawżola proposta tar-*right of first refusal* kif propost mis-Soċjetà. Il-kunsillier Anton Gellel qal li xorta l-kunsill għandu jagħti prijorità lill-għaqdiet volontarji jekk ikunu jixtiequ jikru din il-parti tal-garaxx.
- Punt Numru 7 – jaqblu li l-użu jkun tal-planċier biss (din torbot ma' klawżola Numru 11)
- Punt Numru 9 – il-kunsill irid isewwi l-ħsara kif mitlub ankè mis-sentenza tal-Qorti biss, is-soċjetà trid tieħu ħsieb hi l-manutenzzjoni li hemm bżonn fiż-żona tal-planċier. La darba tissewwa l-ħsara kif mitlub mill-qorti, il-kunsill ma jkunx aktar responsabbli ta' ħsarat f'dik il-parti tal-garaxx. Il-kunsill għandu jkollu kopja taċ-ċavetta tal-parti li qed tinkera għal raġunijiet ta' emerġenza
- Punt Numru 10 – Il-klawżola tal-imgħaxx mid-data tas-sentenza sal-ġurnata tal-kuntratt trid titneħħa. Il-kunsill se jirranġa l-ħsara fuq il-garaxx biex ma jidħolx ilma filwaqt li l-ħlas tas-somma dovuta fuq is-sentenza u l-ispejjeż tal-Qorti jinqagħtu mill-kera dovuta lill-kunsill.

## 30.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija

30.1.1 Is-Sindku qara ittra ta' apoloġija mingħand il-kunsillier Trevor Mizzi fejn talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' saħħa. Apoloġija approvata.

## 30.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

30.2.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq il-Minuti tal-Laqgħa Numru 29 għall-approvazzjoni. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera, approvawhom unanimament.

## 30.3 Korrispondenza

30.3.1 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Aaron Zahra, Kap tal-Attivitajiet tal-Gvern fejn qed jinforma lill-Kunsill li l-Birgu se jkun parti mill-postijiet li nhar is-7 ta' Settembru jsiru l-attivitajiet ta' Jum il-Vitorja, fosthom il-Pontifkal u l-parata. Dan sar wara li l-kunsill stess kien bgħat ittra fejn wera d-diżappunt li l-attivitajiet tal-Vitorja mhux qed isiru fil-Birgu, il-belt propja fejn seħħew il-ġrajjiet tal-Assedju l-Kbir u fejn jinsab imwaqqaf il-monument oriġinali tal-Assedju. Għaldaqstant l-ewwel ċelebrazzjoni se ssir fis-sena 2022 hekk kif tas-sena 2021 diġa huma skedati. Is-Sindku qal li ċ-ċelebrazzjoni ta' Jum il-Birgu, dakinhar li jsiru l-festi nazzjonali fil-Birgu, jibdew immedjatament wara l-Pontifikal. Il-Viċi-Sindku qal li darba kull ħames snin, iċ-ċelebrazzjoni ta' Jum il-Birgu tibda ssir nhar is-6 ta' Settembru flok fis-7 ta' Settembru sabiex b'hekk l-attività issir kif suppost u mingħajr ebda tfixkil tal-attività nazzjonali. Is-Sindku qal li din il-proposta tista' tiġi kkunsidrata.

30.3.2 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Frans Agius minn Festivals Malta fejn qed jinforma lill-kunsill li s-Sindku jista' jaqsam l-aħbar marbuta mal-attivitajiet tal-Vitorja kif infurmati mis-Sur Aaron Zahra.

30.3.3 Preżentata notifkazzjoni mill-Awtorità tal-Ippjanar dwar pjanijiet ġodda li ġew sottomessi mill-Inġinier Frederick Azzopardi dwar il-proġett tat-Toqba.

30.3.4 Preżentata korrispondenza marbuta mal-proġett *Seven EU Countries – One Identity* iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea li tiegħu l-kunsill huwa *lead partner*. F'din il-korrispondenza, il-kunsill qed jingħata tnax-il xahar ċans bħala estensjoni sabiex iwettaq il-proġett peress li dan ma sarx la f'Ottubru 2020 u m'hemmx ċans li jsir lanqas f'April 2021 minħabba l-pendemija. Il-kunsill ikkonferma li ser iwettaq dan il-proġett f'Ottubru 2021 dejjem jekk is-sitwazzjoni tkun aħjar.

30.3.5 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lis-Sur Michael Cohen dwar il-pontuni proposti it-Toqba, fejn is-Sindku qed jinfurmah li l-kunsill qatt ma ġie infurmat dwar dan il-proġett. Il-kunsill jaqbel li dawn il-pontuni m'għandhomx isiru iżda għandha tiġi installata sistema li biha jiġu kkontrollati l-bagi li hemm, uħud minnhom jista' jkun bla permess. Il-Viċi-Sindku Christopher Cassar qal li l-Onor. Oliver Scicluna għamel mistoqsija Parlamentari fuq din il-kwistjoni u ppublika fuq il-mezzi soċjali tiegħu. Ir-risposta dwar din it-tema kienet li dawn ma kinux pontuni izda hemm pjan li jsiru ktajjen sabiex jitneħħew il-bagi u jiġu regolarizzati. Biss min-naħa l-oħra, l-Onor. Oliver Scicluna kien infurmat ukoll li għalkemm se jkun hemm spazju għall-għawm, hija fil-kompetenza tal-Awtorità tas-Saħħa jekk il-baħar taż-żona hux tajjeb għall-għawm jew le.

30.3.6 Preżentata korrispondenza mis-Sinjura Lianne Cassar mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-*Group Life Policy*. Din il-policy se tkun qed tagħti somma flus lill-familjari ta' kunsilliera li jiġu nieqsa meta jkunu fil-kariga. Fuq din għad iridu joħorġu aktar żviluppi.

30.3.7 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Eman Zerafa, segretarju tal-grupp TEN08 b'dettalji dwar *music video* li se jkunu qed jipproduċu b'relazzjoni ma' proġett li għandu l-istess grupp. Is-Sur Zerafa talab li f'ġurnata partikolari fejn iridu jiġu proġettati xi videos jew stampi fuq l-art tal-Pjazza, ma jkunx hemm karozzi pparkjati u ebda aċċess għat-traffiku. Talab ukoll li jekk hu possibli l-kunsill jagħti xi xemgħat għal dan il-proġett. Is-Sindku qal li sabiex tkompli tingħata għajnuna lil għaqdiet volontarji, mhu ser jintalab ebda ħlas għall-permess filwaqt li l-kunsill jidħol għal xi spejjeż ta' Pulizija jew uffiċjali tal-LESA skont il-bżonn biex jikkontrollaw it-traffiku. Rigward xemgħat, is-Sindku qal li m'hemmx, peress li ma nxtrawx la darba l-Birgufest 2020 ma saritx. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

30.3.8 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Mark Causon dwar proġett mis-sejħa tat-*Transnational Actions on Asylum, Migration and Integration* fejn qed jitlob li l-Kunsill Lokali tal-Birgu, jekk huwa interessat, ikun sieħeb f'dan il-proġett. Il-kunsilliera qablu unanimament li nissieħbu.

30.3.9 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Bormla bl-istqarrija għall-istampa dwar l-inizjattiva u l-kuntratt li ffirmaw il-kunsilli ma' The Notebook Centre sabiex issir il-promozzjoni.

30.3.10 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Stefano Miceli għan-nom tal-ERA dwar *Public Consultation on the Intent and Objectives of the Air Quality*

sabiex jiġu sottomessi xi proposti dwar it-titjib tal-arja fiż-żona tal-Port il-Kbir. Is-Sindku qal li Prof Manuel Sinagra kien preżenta xi punti importanti għat-titjib tal-arja waqt laqgħa li saret fil-Berġa tal-Ingilterra li għaliha kienu mistiedna s-Sindki tal-Kottonera u l-Kalkara.

30.3.11 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Amanda Muscat, konsulent fil-Ministeru għat-Turiżmu fejn infurmat lill-kunsill li l-Onor. Ministru Clayton Bartolo kien se jżur l-uffiċini tal-kunsill il-Ħamis 4 ta' Marzu 2021 sabiex jiddiskuti mas-Sindku u kunsilliera l-proġett tal-pavimentar tal-Pjazza. Din il-laqgħa ġiet imsejħa wara li l-kunsill għamel talba mal-Ministru sabiex issir laqgħa dwar dan il-proġett hekk bżonnjuż.

30.3.12 Preżentata notifikazzjoni tal-applikazjoni li ġiet sottomessa għar-restawr tal-faċċata tal-Berġa tal-Ingilterra mill-Perit Amanda de Giovanni għan-nom tad-Dipartiment tar-Restawr.

30.3.13 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Ruth Debrincat, Direttur fi ħdan il-Ministeru għall-Ambjent, Tibdil fil-Klima u Enerġija dwar il-ġbir ta' skart riċiklabbli fil-Birgu liema ġbir kien se jibda jsir darbtejn fil-ġimgħa. Bi qbil u parir tas-Sinjura Debrincat, is-Sindku qal li l-ġbir se jibqa' jsir darba fil-ġimgħa iżda l-kontenituri madwar il-Birgu se jibdew jitbattlu nhar ta' Tlieta, Ħamis u Sibt. Dan it-tibdil sar minħabba l-fatt li l-iskart, mis-sena 2022, se jkun fir-responsabbiltà tar-Reġjun u mhux tal-Kunsilli Lokali. Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li l-kuntrattur il-ġdid għall-ġbir tal-iskart separat beda fl-immedjat peress li l-kuntrattur l-antik ma riedx ikompli bil-ġbir ta' nhar ta' Tlieta wara li ġie infurmat bl-iżviluppi l-ġodda.

30.3.14 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lill-Onor. Deo Debattista dwar il-latrina pubblika fil-Fortini sabiex din tingħata dawra u dehra aħjar b'mod speċjali minn ġewwa, wara li l-kunsill ilu jirranġa ħafna fiha peress li maż-żmien kienu qed imorru ħafna affarijiet.

30.3.15 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Milena Dimitrovska dwar proġett mis-sejħa '*Boosting the uptake of digitalisation, innovation and new technologies in tourism through transnational cooperation and capacity building*' fejn talbet lill-kunsill jekk hux interessat li jkun sieħeb fil-proġett. Il-kunsilliera qablu unanimament li nissieħbu.

30.3.16 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Nadya Debattista, bint il-mibki Lino Bugeja fejn qed tirringrazzja lis-Sindku għal-laqgħa li kellhom fil-kunsill stess dwar il-possibiltà ta' mafkar jew isem ta' triq għal missierhom. Is-

Sinjura Debattista nfurmat lill-kunsill li huma lesti jħallsu l-plakek tal-isem tat-triq li ser tissemma' għas-Sur Bugeja. Is-Sindku propona li t-taraġ f'nofs Triq il-Kunvent li jwasslek għal Triq il-Kardinal, jingħata l-isem ta' Triq Lino Bugeja, ankè għall-fatt li s-Sur Bugeja kien jgħix hemm. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament. Is-Sinjura Debattista kitbet ukoll li se jkunu qed jagħtu kopja tal-aħħar tlett kotba li kiteb Lino Bugeja lir-residenti tat-triq u kaxxa kotba minn kull kopja lill-kunsill sabiex jagħmel użu minnhom kif jixtieq.

30.3.17 Preżentata notifika mibgħuta mill-Awtorità tal-Ippjanar fejn qed tinforma lill-kunsill li d-deċiżjoni tal-applikazzjoni għat-triq tat-Toqba u l-latrini se tkun qed tiġi deċiża l-Erbgħa 3 ta' Marzu 2021. Intant din l-applikazzjoni ġiet aċċettata u x-xogħol għandu jibda fi żmien qasir.

30.3.18 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lill-Onor. Aaron Farrugia, Ministru tal-Ambjent dwar il-proġett tal-Glażiż sabiex din it-talba għal dan il-proġett, xi darba tkun milqugħa u jsir dan il-proġett tant mixtieq għal-lokalità.

30.3.19 Preżentata korrispondenza mibgħuta minn Maeva Martin mill-assoċjazzjoni AVEC dwar l-Assemblea Ġenerali li se ssir il-Ħamis 1 ta' April 2021 u li waqt din l-assemblea se jiġi terminat il-kuntratt tal-awditur tal-assoċjazzjoni peress li l-finanzjament tal-assoċjazzjoni naqas drastikament.

30.3.20 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Aaron Zahra, Kap tal-Attivitajiet tal-Gvern fejn qed jinforma lill-Kunsill li s-Sibt 27 ta' Frar 2021, il-Prim Ministru ta' Malta kien se jindirizza konferenza stampa minn Triq il-Palazz tal-Isqof. Is-Sindku qal li hu ċċekja mal-Uffiċċju tal-Prim Ministru jekk is-Sindku flimkien mal-kunsilliera għandhomx ikunu preżenti iżda kien infurmat li ma kienx hemm il-ħtieġa.

30.3.21 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Godwin Vassallo, minn Heritage Malta dwar ktieb edukattiv għat-tfal dwar il-Birgu kif ukoll sett ta' posters didattiċi (daqs A3) dwar monumenti fil-Birgu, kemm bil-Malti u ankè bl-Ingliż. Dawn tal-aħħar jistgħu jingħaqdu wkoll f'pubblikazzjoni kulurita ta' madwar 32 paġna. Is-Sindku qal li hu kien iltaqgħa mas-Sur Vassllo u ddiskutew dawn l-affarijiet u għaldaqstant is-Sur Vassllo bgħat l-informazzjoni meħtieġa sabiex tkun deċiża u approvata fil-kunsill. Il-kotba u l-posters, għal ammont ta' elf (1000) kopja minn kull ħaġa, se jingħataw lill-kunsill bi prezz ridott ħafna. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti qablu ma' dawn l-offerti. Is-Sindku qal li dawn imbagħad il-kotba jistgħu jitqassmu lit-tfal tal-iskola jew jinbiegħu.

30.3.22 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Ronald Balzan għan-nom tal-proġett 360 VR Tours fejn ikkonferma li wara l-laqgħa li kellu mas-Sindku fl-uffiċini tal-kunsill, ġie deċiż li t-tour isir ukoll fil-Knisja tal-Lunzjata bi spejjeż għall-kunsill filwaqt li tal-Parroċċa se jitħallsu mir-Reġjun kif ikkomunikat oriġinarjament mir-Reġjun. Ġie konfermat ukoll li, skont deċiżjoni tal-kunsill, ir-ritratti taż-żewġ knejjes se jittieħdu fil-jiem tal-festi rispettivi meta l-knejjes ikunu armati. Is-Sindku qal li se jibgħat ittra lill-Pirjol fl-immedjat sabiex jinfurmah dwar l-iżviluppi ta' dan il-proġett fejn il-kunsill mill-ewwel ħaseb biex il-Knisja tal-Lunzjata tkun inkluża.

30.3.23 Preżentata korrispondenza mis-Sur Noel Zarb għan-nom tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar id-dettalji ta' kuntatt tal-ħaddiema u kunsilliera. Is-Sur Zarb staqsa dwar is-Sur Colvin Duca peress li d-dettalji tiegħu tħallew vojta. Is-Sindku fuq din il-korrispondenza, spjega li s-Sur Duca mhux qed jidħol għax-xogħol iżda persuna mill-familja tiegħu qed tħalli ċertifikat tas-sick ġimgħa wara oħra. Is-Sindku spjega li kien hu stess li bgħat lis-Sur Duca d-dar wara li dan irrifjuta li jilbes il-maskra jew visor waqt li jkun fl-uffiċċju dan għaliex għandu ittra mit-tabib li teżentah milli jilbes maskra. Is-Sindku qal li minkejja dan huwa permess mill-liġi, ħadd ma jkun jaf fejn u ma min ikun is-Sur Duca wara l-ħin tax-xogħol u għalhekk la darba jkun bla maskra barra wkoll, dan qed ikun ta' riskju għall-ħaddiema kollha tal-kunsill waqt il-ħin tax-xogħol. Is-Sindku spjega wkoll li wasal rapport dwar din il-kwistjoni fejn ġie allegat li s-Sur Duca qed ibati minn bullying mis-Sindku u l-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol. Is-Sindku qal li dan mhu vera xejn anzi s-Sindku kien għamel opra ta' karità u daħħal lil din il-persuna taħdem mal-kunsill fil-Librerija fejn kellu jiċċaqlaq minn hemm minħabba rapporti li daħlu l-kunsill li l-librerija tinsab fi stat ta' telqa u abbandun. Is-Sindku qal li s-Sur Duca sa għandu uffiċċju għalih fil-kunsill biex ikun jista' jaħdem bil-kumdità kollha u għalhekk jippretendi wkoll li għandu jġib rispett lejn il-ħaddiema kollha. Intant ġie innutat ukoll li s-Sur Duca, filwaqt li qiegħed bis-sick, intlemaħ għaddej bir-rota jiġri minn quddiem il-kunsill stess ftit tal-ġranet wara. Is-Sindku qal li hemm bżonn tittieħed deċiżjoni fuq dan l-impjegat peress li dan huwa mpjegat mill-Kunsill Lokali. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti, qablu li l-kuntratt tax-xogħol tas-Sur Colvin Duca għandu jiġi terminat u jispiċċa minn imġjegat tal-kunsill.

### 30.4 Żviluppi dwar proġett fiż-Żona tal-Ħawli

30.4.1 Is-Sindku qal li ġie avviċinat minn żviluppatur Malti sabiex iż-żona ta' fejn il-garaxx tal-kunsill li hemm il-Ħawli u li bħalissa hija devoluta lill-kunsill, tinbena djar tal-anzjani. Is-Sindku qal li jekk kollox imur kif pjanat u din id-dar tinbena, id-dar għall-anzjani tkun għan-nies tal-Birgu, li tant għandhom bżonn din ir-residenza. Il-finanzjament għal din id-dar ikun kollu f'idejn l-iżviluppatur u l-Kunsill ser ikun 'partner' f'dan il-proġett peress li l-art hija devoluta lill-kunsill.

30.4.2 Is-Sindku qal ukoll li taħt din id-dar jinbena parkeġġ sabiex jaqdi lir-residenti tal-Ħawli. Spjega wkoll li dan jorbot u jħoll ukoll iż-żmien tal-kuntratt tal-garaxx tal-Ħawli mas-Soċjetà Mużikali San Lawrenz minħabba l-fatt li jista' jagħti l-każ li l-iżviluppatur ikollu bżonn xi partijiet mill-garaxx, iżda xejn minn dan mhu konfermat peress li l-pjanijiet għadhom biss preliminari. Is-Sindku qal ukoll li huwa jkun diġà sodisfatt jekk din tinbena u tintuża min-nies tal-Birgu u għalhekk kull dħul li jista' jidħol minn dan il-proġett, ikun ta' benefiċċju aktar għall-kunsill li ser jerġa jinvesti l-flus fil-komunità.

30.4.3 Is-Sindku qal ukoll li tkellem mad-Direttur Natalino dwar dan il-proġett u infurmah li l-kunsill irid ikun imsieħeb (PPE) f'dan l-iżvilupp u jkollu rappreżentanza fil-bord tad-diretturi. Finalment, is-Sindku staqsa lill-kunsilliera preżenti jaqblux ma' din il-proposta. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

### 30.5 Żviluppi dwar il-proġett ta' Tal-Glażiż

30.5.1 Is-Sindku John Boxall qal li s-Sur Aaron Zahra, mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru talbu kopja tal-ittra li l-kunsill bgħat lill-Prim Ministru dwar din iż-żona u l-proġett relatat. Is-Sindku qal li saret laqgħa mal-Onor. Stefan Zrinzo dwar dan il-proġett fejn wera interess qawwi u għaldaqstant qal lill-kunsill sabiex jiġbor il-costings meħtieġa sabiex ikun possibli li jitwettaq dan il-proġett u wara ssir laqgħa oħra miegħu sabiex jaraw it-triq 'il quddiem għal dan il-proġett tant mixtieq.

### 30.6 Tender Contracts Manager

30.6.1 Is-Sindku qal li jixtieq li jkollna Contracts Manager sabiex jibda jieħu ħsieb il-ħaddiema assenjati mal-kunsill sabiex iwettqu x-xogħol li jkun mitlub li jagħmlu. F'korrispondenza mibgħuta mid-Direttur Chris Galea, il-kunsill ġie mitlub jagħti informazzjoni jekk għandux ingaġġat miegħu contracts manager, li fil-każ tal-Birgu, ma għandniex. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega li l-irwol ta'

Contracts Manager huwa li jieħu ħsieb li l-tenders li għandu l-kunsill ikunu qed jiġu mwettqa kif suppost kif ukoll isiru l-invoices tal-kuntratti rispettivi li għandu l-kunsill. Il-contracts manager mhux fir-responsabbiltà li jieħu ħsieb individwalment il-ħaddiema tal-kunsill.

30.6.2 Fid-dawl ta' dan is-Sindku qal li f'dan il-każ is-sejħa għal contracts manager mhix viabbli għall-iskop li qed jitkellem fuqu, biss xtaq il-koperazzjoni tal-kunsilliera fit-tmexxija tal-ħaddiema assenjati mal-kunsill wara li uħud minnhom mhux qed jaħdmu kif mixtieq u mhux qed jagħtu riżultati tajbin.

30.6.3 Il-kunsillier Jason Portelli qal li, il-ħaddiema għandhom ikunu assenjati sew x'xogħol għandhom iwettqu matul il-ġurnata, bi pjan ta' dak li hemm bżonn u hija responsabbiltà tagħhom ix-xogħol isirx jew le. Apparti hekk, is-Sur Portelli ssuġerixxa li jekk hemm bżonn, issir laqgħa mal-ħaddiema u li għaliha jkunu preżenti l-kunsilliera kollha.

**30.7 Iċ-ċumnija li kerhet Triq il-Majjistral**

30.7.1 Il-Viċi-Sindku Christopher Cassar qal li ressaq dan il-punt għall-Aġenda għax ma jistax ikun li din iċ-ċumnija tkompli tkerrah Triq il-Majjistral. Fil-korrispondenza li bgħat is-Sur Cassar lil kunsill, jidher ċar li fil-permessi hemm klawżola li tgħid li; *There shall be no service pipes, cables or wires visible on the front elevation or on any other elevations of the building which are visible from street or public space.* Is-Sur Cassar qal li jekk din tapplika wkoll għaċ-ċumnija, mela din tinsab fil-post kontra l-liġi.

30.7.2 Is-Sindku talab kull korrispondenza li għandu s-Sur Cassar li tkun tista' tkun ta' għajnuna sabiex il-Kunsill ikun jista' iwassal l-ilment u d-diżapprovazzjoni fuq din iċ-ċumnija.

**30.8 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera u Komunikazzjoni mis-Sindku**

30.8.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-kunsill biex meta l-ħaddiema jirrapurtaw sick, jintbagħat it-tabib. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

30.8.2 Is-Sindku preżenta tlett (3) kwotazzjonijiet għax-xiri ta' vaccuum cleaner industrijali sabiex tinxtara għall-Berġa ta' Franza. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament li mmorru għall-irħas offerta.

30.8.3 Is-Sindku preżenta kwotazzjoni għax-xogħol ta' tisbieħ li qed iwettaq Charles Debattista fil-lokalità, wara li s-Sur Debattista diġà għamel xi xogħol

mingħajr ħlas fosthom ir-restawr ta' diversi letter boxes. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament ma' din il-kwotazzjoni.

30.8.4 Is-Sindku qal li hemm bżonn ta' installazzjoni ta' CCTV cameras mal-latrina tal-Kunsill fil-Fortini u mal-Garaxx tal-Kunsill f'Tal-Ħawli. Is-Sindku preżenta żewġ kwotazzjonijiet differenti għaż-żewġ postijiet separatament mingħand ispy projects, l-istess kumpanija li għamlet il-cameras kollha li għandu installati l-kunsill f'diversi żoni. Il-kunsilliera preżenti qablu unaniment mal-kwotazzjonijiet preżentati.

30.8.5 Is-Sindku preżenta tlett (3) kwotazzjonijiet sabiex isir il-poġġaman fil-gallarija tas-sular ta' fuq fil-Berġa ta' Franza fil-parti li għadha kif ġiet irrestawrata. Il-kunsilliera qablu li mmorru għall-irħas offerta.

30.8.6 Is-Sindku preżenta korrispondenza dwar l-inċident tal-pjanta li nqalbet bir-riħ fi Triq il-Kardinal u ġiet fuq karozza. Il-korrispondenza mibgħuta mis-Sur Owen Cuschieri għan-nom ta' Island Insurance Brokers Limited tistipola li jekk il-pjanta kienet fil-propjetà tal-kunsill, l-excess għall-claim hija ta' mija u ħamsin Ewro (€150) filwaqt li jekk kienet x'imkien ieħor, l-excess hija ta' ħames mitt Ewro (€500). Intant is-Sindku preżenta stima tax-xogħol li ġabet is-Sinjura Elizabeth Cilia mingħand sprayer tal-għażla tagħha. L-ispiża hija ta' mitejn Ewro (€200). Il-kunsilliera preżenti qablu li aktar jaqbel li mmorru għall-istima tax-xogħol li ġabet is-Sinjura Cilia u noħorġu bi spiża inqas.

30.8.7 Il-Kunsillier Anton Gellel qal li l-kaxxa s-safra fi Triq l-10 ta' Awwissu issa tista' titneħħa u ssir kaxxa bajda u jitnaqqas l-abbuż li qed isir minn diversi residenti b'dawn iż-żewġ parkeġġi.

30.8.8 Il-Viċi-Sindku Chris Cassar qal li peress li Triq il-Palazz tal-Isqof inqasmet fi tnejn u l-parti t'isfel ħadet l-isem ta' Triq il-Lunzjata, qed tkun ta' diffikultà għal diversi sewwieqa fosthom ambulanzi, biex isibu din it-triq meta jaslu fi Triq il-Mina l-Kbira. Il-Viċi-Sindku ssuġġerixxa biex f'tarf it-triq man-naħa tal-Inkwiżitur issir tabell pulita li tindika bi vleġġa fejn tinsab Triq il-Palazz tal-Isqof.

30.8.9 Il-Kunsillier Anton Gellel qal li aktar 'il quddiem, ikun xieraq li jsiru tabelli f'diversi kantunieri fit-toroq tal-Birgu li jindikaw fejn jinsabu diversi siti/binjiet storiċi u b'hekk jitneħħew ukoll diversi tabelli antiki li jinsabu mwaħħlin ma' għadd ta' ħitan.

30.8.10 Il-Kunsillier Jason Portelli qal li fl-Foss tal-Birgu qed ikun hemm xi persuni li jinżlu bil-klieb u qed iħallu l-klieb tagħhom mingħajr ċinga b'periklu għal min

ikun għaddej. Intant is-Sindku qal li Cameroon Cachia, l-ħaddiem responsabbli mill-Foss, ġie avviċinat minn xi persuna u saħansitra kienet se taggredih għax ġiblu l-attenzjoni fuq dan il-punt.

30.8.11 Il-Kunsillier Jason Portelli qal li hemm bżonn b'mod urġenti li jsir railing fin-niżla ta' Triq it-Torri ta' San Ġwann għaliex qed ikun hemm ħafna persuni li jaqgħu u jweġġgħu serjament. Is-Sur Portelli qal kif l-aħħar inċident li kien preżenti huwa kien ikrah ħafna u s-sinjura li waqat, kellha saħansitra tittieħed l-isptar. Intant is-Sindku qal li fl-immedjat se jiġi ordnat railing sabiex is-saħħa tal-pubbliku tkun imħarsa u jiġu evitati aktar inċidenti simili. Dan ir-railing irid ikun jiżżarma minħabba l-crane li jinġieb mill-Festa ta' San Lawrenz għat-tlugħ u l-inżul tal-arblu l-kbir. Il-kunsilliera qablu unanimament li dan isir b'mod immedjat.

30.8.12 Il-Viċi-Sindku Christopher Cassar qal li qed jirċievi għadd ta' ilmenti minħabba numru konsiderevoli ta' bozoz bil-ħsara fit-toroq tal-Birgu. Intant il-kunsillier Anton Gellel qal li għandu jiġi ngaġġat Chris Reed sabiex l-istatwa ta' San Lawrenz fil-Pjazza terġa' tibdel tixgħel. Is-Sur Gellel issuġġerixxa wkoll li ma' Chris Reed, għandu jiġi ngaġġat Dylan Portelli sabiex jitranġaw il-ħsarat u jinbidlu l-bozoz u jsiru rifletturi fil-fanali l-ġodda fiż-żona tal-Collachio u toroq oħra biex meta tinqala' xi ħsara, tkun aktar faċli li din tissewwa. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera qablu ma' din il-proposta. Is-Sindku qal li meta dan il-punt jiġi diskuss, il-kunsillier Jason Portelli għandu joħroġ mill-laqgħa sabiex ma jkun hemm 'l ebda kunflitt ta' interess peress li Dylan Portelli jiġi iben il-kunsillier.h

30.8.13 Is-Sindku qal li wara l-mewt ta' Ġorġ Agius magħruf bħala l-Għannej tal-Mulej, ikun jixraq li jsir mafkar lil din il-persuna. Is-Sindku qal li bħalma sar fil-monument ta' Dun Ġużepp Caruana, dan għandu jinġabar u mhux jitħallas mill-kunsill biex ankè ma jinħoloqx preċedent fuq persuni oħra. Intant is-Sindku qal ukoll li l-kolonna tal-irħam ta' taħt il-bust, se titħallas minnu personali bħala ringrazzjament lil din il-persuna għall-ġid li għamlet fil-Birgu. Il-post propost li jsir il-monument huwa Couvre Port, taħt arkata fl-aħħar mina kif diġà jinsabu żewġ monumenti oħra. Il-Viċi-Sindku propona li jsir monument flok bust. Is-Sindku qal li dan jiddependi mill-fondi li jinġabru filwaqt li jkun jixraq li jsir bust sabiex jiġi pariġġ il-monumenti l-oħrajn li diġà hemm f'Couvre Port. Spjega li l-ispejjeż ta' bust huma ferm anqas minn dak ta' monument sħiħ. Apparti hekk, is-Sindku informa lill-kunsilliera li l-artist Vittoriosan Andrew Bugeja kien ikkomunika miegħu u offra li jagħmel l-abbozz u l-forma tal-bust b'xejn. Is-Sindku qal li qabel din id-deċiżjoni tkun konfermata mal-artist, għandha ssir laqgħa mas-Sur Bugeja. Il-kunsilliera preżenti qablu fuq il-proposta li jsir bust u li dan jitwaħħal f'Couvre Port.

30.8.14 Il-kunsillier Anton Gellel preżenta korrispondenza mibgħuta lilu mis-Sur Mark Perez mill-Aġenzija tal-Ilma u l-Enerġija dwar il-ġibjun tal-Pjazza tal-Birgu fejn qed jipproponi li l-Perit Mark John Scicluna ikun contracts manager fuq ix-xogħol tal-proġett tal-ġibjun. Is-Sindku qal li ma jsib l-ebda oġġezzjoni u se jkun qed jikkomunika mas-Sur Perez dwar dawn ix-xogħlijiet.

**30.9 Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq għall-**approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti Numru 22** li tkopri ċ-ċekkijiet bin-numri, **BOV 5864** sa **BOV 5894** u ħlasijiet oħra li saru permezz ta' ***Bank Transfer***. Il-Kunsilliera preżenti approvaw b'mod unanimu l-iskeda preżentata.

**30.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fid-disgħa u nofs ta` filghaxija (9.30pm). Is-seduta li jmiss tal-Kunsill Lokali tal-Birgu se ssir it-Tlieta 23 ta` Marzu 2021 fis-sitta neqsin kwart ta` filgħaxija (5:45pm).

Konfermati llum: **23 ta' Marzu 2021.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall<br>Sindku | Christian Lawrence Raggio Vella<br>Aġent Segretarju Eżekuttiv |